# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

---

Minuti tas-seduta numru erbgħa u ħamsin (54) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ġimgħa 16 ta' April, 2010, fis-6:30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |
| | Dorianne Zammit | Skrivana |

1. Is-**Sindku ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-**minuti tas-seduta** preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mil-Minuti**

3. Jerome Busuttil ikkonferma li ċempel lir-restawratur sabiex dan jibda x-xogħol ta' restawr fuq in-niċċa tad-Duluri. Il-Kunsill qabel u r-restawratur ġie innotifikat sabiex din l-istatwa ma tiġix miżbugħa.

4. Is-Sindku ikkonferma li mar għall-preżentazzjoni ta' fondi 'Il-Ktieb Pass 'il Bogħod Minnek', fejn dawn ippreżentaw €466 f'għajnuna għal-librerija ta Ħal Safi, li minnhom hemm għotja ta €230 f'vawċers mingħand *Merlin Library*. Dawn jistgħu jissarrfu f'kotba ppublikati minn pubblikaturi Maltin biss. Id-Dipartiment qed jikkommetti li jgħati l-bqija tal-għotja, jiġifieri €236, biex jintefqu f'kotba għal-librerija u li dan l-ammont jingħata lill-Kunsill Lokali wara li jippreżenta l-irċevuti kollha neċessarji bi prova ċara ta' dan ix-xiri.

5. Eddie Bonello staqsa lis-Sindku jekk tkellimx mar-residenti ta' Sqaq Numru 18 f'Triq Santa Marija rigward il-bank li intalab jiġi maqlugħ minn dan l-isqaq. Is-Sindku qal li ltaqa ma dawn ir-residenti u kompla jressaq bosta ilmenti oħra li irċieva mir-residenti f'dan l-isqaq. Francis Callus sostna li t-talba sabiex jinqala' dan il-bank minn postu għanda tasal lil Kunsill bil-miktub. Is-Sindku rrimarka li din il-ġimgħa stess kien hemm anki rapport tal-pulizija fuq resident li kien qed joħloq inkonvenjent għar-residenti l-oħra f'dan l-isqaq. Fuq diskussjoni li s-Sindku kellu ma dawn ir-residenti talab wkoll lil Kunsilliera jekk jaqblux li

jitwaħħal rixtellu fil-bidu ta' dan l-isqaq hekk kif kien hemm fil-passat. Huwa qal ukoll li r-residenti ta' dan l-isqaq lesti joħorġu 50% ta' din l-ispiża. Il-Kunsilliera qablu li jinġabu tliet stimi u jiġi deċiż wara jekk jinxtarax u jitwaħħal rixtellu f'dan l-isqaq.

6. Dwar Triq il-Karwija, is-Sindku bagħat e-mail lis-Sur Alan Camilleri, Chairman tal-Malta Enterprise sabiex jiġu implimentati t-talbiet tal-Kunsill bħala kumpens li ser jagħmlu tajjeb għal bosta spejjeż f'din it-triq li issa ser tingħalaq kif wkoll għat-telf tal-konfini ta' Ħal Safi. Wara diversi korrispondenza, is-Sindku ikkonferma li hemm qbil li l-isqaq tal-Karwijja isir kollu bl-asfalt. L-MIP ser jaraw wkoll hekk jistgħux jintużaw il-ħaddiema tagħhom stess sabiex jagħmlu l-bankina fi Triq il-Ġawhar, kif wkoll ser issiru xi arranġamenti sabiex nies bla impjieg fil-lokalità ta' Ħal Safi jingħataw possibbiltà ta' xogħol mal-kumpanija ġdida SRT. Eddie Bonello talab lis-Sindku li kemm il-darba jkun hemm vakanzi ta' xogħol ma din il-kumpanija, naraw li tintalab lista ta' nies bla xogħol f'Ħal Safi mill-ETC sabiex kull persuna tiġi infurmata u l-affarijiet isiru b'mod trasparenti kemm jista jkun mingħajr ma jsir lok ta' diskriminazzjoni.

7. Dwar id-diversi rapporti ta' kuntratturi li qed jħallu ħafna żjut u diesel fit-triq meta jsir ix-xogħol fir-raħal, Francis Callus issuġerixxa li fuq il-permessi tax-xogħol li jinħarġu mil-Kunsill, npoġġu klawżola li tobbliga l-kuntratturi ma jħammġux it-triq bix-xogħolijiet tagħhom. Fin-nuqqas ta' dan, il-Kuntrattur responsabbli minn dawn ix-xogħolijiet jiġi *black listed* u ma jinħarġulux aktar permessi ta' xogħol f'Ħal Safi. Il-Kunsilliera qablu wkoll li meta jinħareġ permess l-iskrivana tiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur fuq dawn l-kundizzjonijiet.

8. L-iskrivana rimarkat li fuq il-kontijiet tal-telefon, il-Go plc ma qattawx it-€2.33 penali fuq l-kontijiet li qalu li tħalsu tard minkejja li intbgħatet ittra mill-Kunsill kif wkoll kopja ta' l-irċevuti tal-bank li l-flus ġew depositati fil-ħin. Peres li l-Go lanqas biss bagħatu *acknowledgement* ta' l-ittra tal-Kunsill s-Sindku ser iċempel liċ-Chairman tal-Go direttament u jekk jkun hemm bżonn issir laqgħa.

**Korrispondenza**

9. Il-Kunsill irċieva l-kontijiet pendenti tal-Perit Musumeċi. Dawn ġew spjegati mis-SE fid-dettall u l-Kunsilliera approvaw li dawn il-kontijiet jiġu imħallsa kollha skond it-termini miftehma mal-Perit.

**Aġġudikazzjoni ta' Tender tal-PV system**

10. Is-SE tenna li l-bieraħ infetħet il-kaxxa tat-tenders tas-sistema fotovoltajka li ser titwaħħal fuq il-bejt tal-Kunsill. B'kollox intefaw 4 tenders. L-iskrivana ikkonfermat li l-Engineer Curmi ser jiġi personalment nhar it-Tlieta li ġej sabiex jiġbor dawn id-dokumenti u jkun jista jipprepara u jippreżenta l-evalwazzjoni teknika tiegħu waqt il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**Aġġudikazzjoni ta’ Tender ta’ Misraħ San Ġużepp**

11. Wara li inqara r-rapport tekniku tal-Perit Musumeċi, il-Kunsill qabel unanimament li t-Tender ta’ Misraħ San Ġużepp jiġi aġġudikat lil Polidano Brothers Limited. Is-SE intalab jibgħat l-ittri rispettivi lil kuntratturi kollha li tefgħu dan it-tender.

**Ġbir ta’ skart separat**

12. Is-SE ikkonferma li l-kuntratt mal-Wasteserve sabiex l-immaniġġjar tal-*Bring in Sites* jgħaddi f’idejn il-Kunsill ġie iffirmat. Is-SE ikkonferma wkoll li ġie iffirmat l-Kuntratt mal-GreenPak għal ġbir ta’ skart minn dawn l-istess siti.

13. Il-Kunsilliera talbu lis-SE sabiex jiffinalizzaw l-kuntratt mal-GreenPak sabiex dan il-kuntrattur ikun inkarigat wkoll jiġbor il-borża il-griża darba fil-ġimgħa minn wara kull bieb. Il-GreenPak ser ikun il-kuntrattur responsabbli filwaqt li l-ġbir ta’ l-iskart separat ser jibqa jsir mill-istess persuna b’kuntratt mal-GreenPak indipendenti mil-Kunsill.

**Ħwejjeġ Oħra**

14. Publius Abdilla staqsa hekk il-mappa ta’ Ħal-Safi ġietx iffinalizzata. Huwa tenna wkoll li l-mappa mibgħuta mill-MEPA ma kienetx tajba. Għal daqstant, is-Sindku ser jitlob mappa ta’ Ħal Safi mingħand il-Print Right.

15. Publius Abdilla rimarka li l-Pjazza ta’ quddiem il-Kappella ta’ Santa Marija hija wisq vojta. Huwa issuġġerixxa li jitpoġġew żewġ qsari kbar u jitħawlu fjuri fihom skond l-istaġun. Il-Kunsilliera qablu li Publius Abdilla jixtri żewġ qsari kbar tal-plastik jew fuħħar għal din il-pjazza.

16. Jerome Busuttil ressaq talba ta’ *sleeping police* fi Triq ta’ l-Ajżar, kantuniera ma’ Triq Ħlantun. Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-suġġeriment u qablu li l-Kunsill għandu jkellem lir-residenti ta’ fejn ser titwaħħal u wara tittieħed id-deċiżjoni hekk din l-*isleeping police* titwaħħalx.

17. Is-Sindku staqsa lil Kunsilliera japprovaw l-pagament tal-preżentattriċi tas-serata tal-Premju Onorifiċenza. Din għenet wkoll flimkien mar-raġel tagħha l-Kunsill fl-attivitajiet l-oħra ta’ Jum Ħal Safi. Il-Kunsilliera qablu li jingħata pagament ta’ €80.

18. **Il-Payment Approval** Sheet No. 47 ġiet approvata.

19. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 29 ta’ April, 2010.

20. Il-laqgħa ntemmet fid-9.00pm.

Approvati llum 29/04/2010

Sindku | Segretarju Eżekuttiv